MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2011

Citazzjoni Numru. 2141/2000/1

**Dr. Elizabeth Vella M.D**

**vs**

**Bieb Bieb Limited u b'dikriet tat-30 ta' Marzu 2001 l-konvenuti gew indikati li huma Mark Anthony Vella u is-socjeta' M A Markeing Ltd ghal kull interess li ghandha jew jista' jkollha.**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni fejn l-attrici Dr. Elizabeth Vella ppremettiet:-

Illi s-socjeta' konvenuta hija vera, certa u likwida debitrici tal-attrici fis-somma ta' elfejn lira maltin (Lm2,000) bilanc ta' somma akbar, rappresentanti prezz tas-servizz rez lis-

socjeta' konvenuta konsistenti f'kitba ta' 'text' ghal numru ta' kotba u dan fuq inkarigu tal-istess socjeta' konvenuta.

Illi s-socjeta' konvenuta nonostante l-fatt li giet interpellata thallas, naqset.

Illi s-socjeta' konvenuta m'ghadnhiex eccezzjonijiet x'taghti ghat-talbiet tal-attrici skond l-anness affidavit immarkat Dok 'A' ai termini tal-artikolu mija seba' u sittin (167) tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Precedura Civili.

Ghalhekk l-attrici qed titlob li l-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-artikolu 167 et seq tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili.u li s-socjeta' konvenuta tigi kundannata thallasha s-somma ta' elfejn lira maltin (Lm2,000).

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata Lulju 2000 u bl-imghax legali mid-data tas-servizz rez, sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta li giet ukoll ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attici debitment konfermata bil-gurament u l-listya tax-xhieda taghha.

Rat l-affidavit tal-attrici.

Rat id-dikriet taghha stess tas-27 ta' Ottubru 2000 li permezz tieghu s-socjeta' konvenuta giet ammessa tippresenta n-nota ta' eccezzjonijiet taghha.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn gie eccepit illi fl-ewwel lok l-isem tas-socjeta' konvenuta ma hux korrett u di piu' qatt ma kien jisimha M A Marketing Ltd. Aktar minn hekk fi kwalunkwe kaz, kif ser jigi ipprovat fil-kors tal-kawza, is-socjeta' nkarigat lill-attrici tipprestalha tali servizzi u ma ghandha l-ebda relazzjoni guridika maghha. Ghalhekk is-socjeta' konvenuta

ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-attrici.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha.

Rat it-tieni nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta M A Marketing Ltd. fejn gie eccepit:-

Illi preliminarjament it-talbiet attrici, hija preskritti ai termini ta’ l-artikolu 2149(c) tal-Kodici Civili (Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta kif sejjer jigi ampjament ppruvat fit-trattazzjoni ta’ din l-eccezzjoni.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-meritu, is-socjeta’ konvenuta qatt ma nkarigat lill-attrici sabiex tipprestalha s-servizzi minnha msemmija.

Illi inoltre u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, qatt ma kien hemm ftehim jew rabta kuntrattwali bejn l-attrici u s-socjeta’ konvenuta.

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ konvenuta debitament konfermata bil-gurament ul-lista tax-xhieda taghha.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Mark Anthony Vella fejn gie eccepit:-

Illi preliminarjament it-talbiet attrici, hija preskritti ai termini ta’ l-artikolu 2149(c) tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta) kif sejjer jigi ampjament ppruvat fit-trattazzjoni ta’ din l-eccezzjoni.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-meritu, is-socjeta’ konvenuta qatt ma nkarigat lill-attrici sabiex tipprestalha s-servizzi minnha msemmija.

Semghat lill-attrici fl-esami kif ukoll fil-kontro-esami.

Semghat lil Anthony Gatt u lil Joe Azzopardi prodotti mill-konvenuti.

Semghat lill-konvenut fl-esami kif ukoll fil-kontro-esami.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-konvenut.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-attrici.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

Din il-kawza qed issir minn l-attrici t-Tabib Dr. Elizabeth Vella kontra zewgha Mark Anthony Vella u is-socjeta’ M A Markeing Ltd. Il-kawza ghal-ewwel gie presentata kontra socjeta’ ohra u cioe’ Bieb Bieb Limited, pero’ peress li rrizulta li din l-ahhar socjeta’ qatt ma esistit u b’dikriet tat-30 ta’ Marzu 2001 l-okkju gie korrett sabiex gew jidhru bhala konvenuti r-ragel tal-attrici u socjeta’ ohra.

L-attrici, fic-citazzjoni, tippretendi li hi kreditrici tas-socjeta’ konvenuta fis-somma ta’ elfejn lira maltin (Lm2,000) rappresentanti prezz tas-servizz konsistenti f’kitba ta test ghal numru ta’ kotba, liema sevizz gie rez lis-socjeta’ konvenuta fuq l-inkarigu taghha. Konsegwentement l-attrici talbet li s-socjeta’ konvenuta tigi kundannata thallas l-imsemmija somma.

Fin-nota ta’ eccezzjonijiet taghha s-socjeta’ konvenuta ssottomettiet illi l-isem tas-socjeta’ konvenuta mhux korrett u qatt ma kien jisimha M A Marketing Ltd. Inoltre qed teccepixxi li hi  nkarigat lill-attrici pero’ ma ghandha l-

ebda relazzjoni guridika maghha. F'nota ta' eccezzjonijiet ohra l-istess socjeta' konvenuta eccepit, preliminarjament, li t-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-artikolu 2149(c) tal-Kodici Civili (Kap.16). Teccepixxi ioltre, fil-meritu, li hi qatt ma nkarigat lill-attrici sabiex jigu prestati s-servizzi in kwestjoni u li qatt ma kien hemm ftehim jew rabta kuntrattwali bejn l-attrici u s-socjeta' konvenuta. Bl-istess mod il-konvenut eccepixxa l-preskizzjoni u li s-socjeta' konvenuta qatt ma nkarigat lill-attrici sabiex tippresta s-servizzi in kwestjoni.

## Fatti

Jirrizulta li l-attriċi kitbet erba' kotba dwar is-saħħa tal-mara li ġew ippubblikati mis-soċjetà MA Marketing Ltd, li kienet soċjetà iffurmata mill-attriċi u l-ex raġel tagħha l-konvenut Mark Anthony Vella. L-attriċi tikkonferma li hija qatt ma tħallset għal dan ix-xogħol mentri kien hemm xi żewġ kotba oħra li nkitbu qabel dawk in kwestjoni (li mhumiex mertu ta' dan il-kawża) illi tħallset għalihom. Apparti il-kitba, l-attriċi qalet li għamlet ukoll xogħol ta' tdattilografar. L-attriċi tikkalkula (a fol 55) li s-soċjetà konvenuta għamlet qliegħ ta' għaxart elef lira maltin (Lm10000) mill-bejgh tal-kotba in kwestjoni. L-attrici qed tippretendi minimu ta' ghoxrin fil-mija (20%) mill-imsemmi qligh a ghalhekk qed tippretendi l-imsemmija somma ta' Lm 2000.

## Eccezzjonijiet tal-konvenuti

Is-socjeta konvenuta ppresentat zewg noti ta' eccezzjonijiet. Fl-ewwel wahda s-socjeta' konvenuta ssottomettiet illi l-isem tas-socjeta' konvenuta mhux korrett u qatt ma kien jisimha M A Marketing Ltd. Inoltre qed teccepixxi li hi mhux il-legittima kontraditrici f'dawn il-proceduri stante li qatt ma nkarigat lill-attrici kif allegat fic-citazzjoni u b'hekk m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika ma l-atrici. Fin-nota l-ohra tal-eccezzjonijiet l-istess socjeta' konvenuta eccepit, preliminarjament, li t-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-artikolu 2149(c) tal-Kodici Civili (Kap.16). Teccepixxi inoltre, fil-meritu, li hi

qatt ma nkarigat lill-attrici sabiex jigu prestati s-servizzi in kwestjoni u li qatt ma kien hemm ftehim jew rabta kuntrattwali bejn l-attrici u s-socjeta' konvenuta. Bl-istess mod il-konvenut eccepixxa l-preskizzjoni u li s-socjeta' konvenuta qatt ma nkarigat lill-attrici sabiex tippresta s-servizzi in kwestjoni.

Ghar-rigward tal-eccezzjoni dwar l-isem tas-socjeta' konvenuta din l-eccezzjoni tidher li giet sorvolata bl-imsemmi dikriet ta' din il-Qorti tal-30 ta' Marzu 2001. Il-konvenuti eccepiew, preliminarjament, li din l-azzjoni tal-attrici hi preskritta ai termini tal-artikolu 2149(c) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jipprovdi li l-azzjonijiet ta' persuni li jesercitaw professjoni jew arti liberali ghall-ispejjez minnhom inkorsi u ghad-drittijiet taghhom jaqghu bil-preskrizzjoni ta' sentejn. Fil-kaz in esami dawn il-proceduri gew inizjati fl-20 ta' Settembru 2000. Mid-dokument JAX1 (fol.77) li hi fattura mahruga mil-istampaturi tal-kotba jidher li l-ahhar pagament li sar mis-socjeta' konvenuta lill-istess stampaturi kien fi Frar 1999.

Dwar id-data meta gew stasmpati l-kotba l-konvenut xehed li ma jafx meta kienet din id-data, pero' indika li l-kotba gew stampati qabel is-sena 1998. Fi tnejn mill-erba kotba in kwestjoni li gew esibiti hemm indikazzjoni ta' meta giet stampata l-ewwel edizjoni ta' kull wiehed mill-imsemmijin kotba. Dawn il-kotba gew esibiti mill-attrici waqt li kienet qed tixhed fil-kors tas-seduta tas-27 ta' Mejju 2003 (fol.56). Fil-ktieb "Ikel Bnin Fi' Ftit Hin" hemm indikat li l-ewwel edizzjoni kienet giet stampata fis-sena 1998 (pagna 2) filwaqt li fil-ktieb "Ghall-Mara Maltija" hemm indikat li l-ewwel edizjoni giet stampata fis-sena 1993. F'dawn ic-cirkostanzi ma jistax tigi stabbilita b'mod ezatt id-data meta gew stampati kull wiehed mill-kotba in kwestjoni u kwindi ma tistax tigi stabbilita minn meta bdiet tiddekorri l-preskrizjoni u kwindi ma jistax jinghad li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-konvenuti tirrizulta u konsegwentement l-istess eccezzjoni timmerita li tigi rigettata.

**Konsiderazzjonijiet legali dwar l-eccezzjonijiet fil-mertu**

Hi l-attrici li trid iggib l-ahjar prova in sostenn tat-talbiet taghha. Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (citazzjoni numru 984/1994/1 fis-sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet "Frank Giordmania Medici et nomine vs William Rizzo et" tat-28 ta' April, 2004 irreteniet illi – "Mill-banda l-ohra pero', l-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju rajonevoli, huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f'mohh il-gudikant. Din ic-certezza morali rikjesta f'kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet. Mera possibilita' mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita' civili."

Kwindi sabiex tirnexxi t-talba attriċi irid jigi ppruvat, fuq bilanċ ta' probabilità, li hija dovuta lilha mill-konvenuti s-somma ta' elfejn lira maltin (Lm2000) rappreżentanti prezz tas-servizz reż lis-soċjetà konvenuta konsistenti f'kitba ta' erbgħa kotba dwar it-tisjir, naxxenti minn ftehim bejn il-partijiet.

Fl-opinjoni tal-Qorti f'dan il-kaz m'hemmx dubju li fil-fatt il-kotba in kwestjoni inkitbu mill-attriċi u nbiegħu mis-soċjetà konvenuta li s-socji taghha kienu l-attriċi u l-ex raġel tagħha l-konvenut. Is-socjeta illum ghada tesisti izda ma tinnegozjax. Lanqas ma hemm dubju ghalhekk li l-attrici nghatat l-inkarigu sabiex tikteb it-test tal-kotba in kwestjoni. Hu zgur ukoll li dan l-inkarigu gie moghti mis-socjeta' konvenuta u mhux mill-konvenut, li semmai, fi kwalunkwe kaz kien qed jagixi f'isem is-socjeta'. Hemm konflitt bejn il-verżjoni tal-attriċi u dik tal-konvenut dwar il-ftehim dwar il-ħlas għas-servizz reż mill-attriċi. Da parti tagħha l-attriċi ssostni li skond ftehim verbali, hija kellha titħallas 20% tal-prezz li bih jinbieghu l-kotba. Da parti tiegħu, il-konvenut jgħid li l-qliegħ kollu kellu jmur kollu lura fil-kumpanija. In oltre l-konvenut jirritjeni li, fi kwalunkwe każ, il-figura ta' 20% li għaliha tagħmel referenza l-attriċi semmai m'ghandhix tinhadem fuq il-prezz tal-kotba iżda fuq l-istess prezz pero' wara li jitnaqqsu l-ispejjeż kollha involuti fl-istampar u fid-distribuzzjoni tal-kotba.

Il-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni taghha tal-24 ta' Marzu, 2004, fl-ismijiet “Maria Xuereb et vs Clement Gauci et” sostniet li “huwa pacifiku f’materja ta’ konflitt ta’ versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha u cioe’ (1) li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista’ tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra u (2) fin-nuqqas tigi applikata l-massima ‘actore non probante reus absolvitur.’ (vide ukoll sentenza fl-ismijiet “Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma” - Appell, Sede Inferjuri - 22 ta’ Novembru, 2001). Il-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Jannar 2004 fl-Appell Civili numru 974/2001/1 fl-ismijiet “Charles Grech vs NMJ Co. Limited et” kienet tal-fehma li “jidher li l-vertenza vera u proprja f’dan l-appell hi wahda essenzjalment ta’ kredibilita`, aktar milli ta’ haga ohra. F’sitwazzjoni konsimili ta’ kredibilita` u apprezzament ta’ provi l-kriterju distintiv ma huwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni izda jekk dik l-ispjegazzjoni hijiex verosimili. Huwa imbaghad pacifikament akkolt illi f’kaz ta’ kuntrast bejn zewg versjonijiet mhux kwalunkwe tip ta’ konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f’dak l-istat ta’ perplessita` li minhabba fih ma tkunx tista’ tiddeciedi b’kuxjenza kwieta u jkollha taqa’ fuq ir-regola ta’ ‘in dubio pro reo’ – vide ukoll “Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia”, Prim’Awla, Qorti Civili, 24 ta’ Novembru 1966.

Bl-istess mod, il-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Gunju, 2003, fil-kawza fl-ismijiet “Middle Sea Insurance p.l.c. nomine vs Victor Sammut” irreteniet illi “f’kaz ta’ konflittwalita` l-Qorti trid tadopera aktar attenzjoni biex proprju taccerta ruhha jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet possibbli ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq l-bilanc tal-probabilitajiet, tal-preponderanza u tal-verosimiljanza tal-provi.”Ghalhekk fil-konflitt ta’ versjonijiet li jesisti f’din il-kawza għandu jigi esaminat liema wahda mit-tezijiet konfilingenti hi l-aktar attendibbli. Ghandu jigi esaminat jekk xi wahda mill-versjonijiet hi sostnuta mill-provi prodotti. Jekk jesistu tali provi konsegwentement ikun hemm sostenn qawwi u definittiv lil xi wahda mill-

verżjonijiet li alllura jista jinghad li hi korroborata. Ghandu jigi esaminat ukoll jekk jesistix xi fatt li jwassal għall-konklużjoni liema verżjoni tirrispekkja r-realta' tal-fatti, u kwindi ghandha tigi accettata bhala dik veritiera u attendibbli.

Iz-zewg versjonijiet u cioe' kemm il-verżjoni tal-attriċi li kellha titħallas persentaġġ, kif ukoll il-verżjoni tal-konvenut illi l-profitt kellu jmur fil-kumpanija huma t-tnejn kredibbli. Pero l-verżjoni tal-konvenut tnissel aktar konvinċiment mill-verżjoni attriċi u dan ukoll in vista tac-cirkostanzi prevalenti fil-hin rilevanti u cioe' l-kontendenti kienu mizzewgin u kellhom socjeta' kummercjali flimkien u ghalhekk hu probabli li l-profitti kellhom kollha jibqghu ghand is-socjeta'. JIdher li sussegwentement inqala l-inkwiet bejn il-partijiet tant li sseperaw u jista jkun li kienet tali separazzjoni li pprecipitat dawn il-proceduri. L-attriċi tixhed illi hija tikkalkula (a fol 55) illi s-soċjetà konvenuta għamlet qliegħ ta' għaxart elef lira maltin (Lm10000) minn fuq dawn il-kotba u li hija tippretendi 20% minnhom u ċioe is-somma ta' Lm 2000. B'dan il-kliem ukoll, l-attriċi ma tnissilx konvinċiment illi kien hemm xi ftehim ta' ħlas, iżda li hija sempliċiment tippretendi ħlas u b'dak il-persentaġġ. Inoltre, l-attriċi stess xehdet illi hija qatt ma bagħtet xi 'invoice' lis-soċjetà konvenuta għal dan ix-xogħol. Jingħad ukoll illi a fol 67 hija tgħid "… kelli nitħallas għoxrin fil-mija ta' kemm inbiegħu l-kotba, ċioe tas-sales." Fil-fatt hawnhekk jiġi osservat illi l-verżjoni attriċi tal-ammont ta' persentaġġ maħdum fuq is-selling price ma għandhiex mis-sewwa għaliex huwa aktar verosimili illi semmai l-pagament lill-attrici jinħadem fuq il-profitt cioe' wara li jkunu tnehhew l-ispejjez. Jirriżultaw li effettivament kien hemm spejjeż ohra bhal dawk li ssemmew mix-xhud Anthony Gatt (fol.73) u hu ovvju li dawn suppost ittiehdu in konsiderazzjoni fil-kalkolu ta' kemm kellhom jithallsu dawk kollha li kienu involuti fil-kitba tal-kotba, fl-istampar, fir-reklami u fid-distribuzzjoni. In effett jirrizulta li l-konvenut ukoll għamel xogħol fuq il-kotba u ċioe' xogħol ta' illustrazzjoni. F'dan ir-rigward il-konvenut xehed illi huwa ma irċieviex ħlas ghax-xoghol tieghu. Dan kollu jindika li la l-attrici u lanqas il-konvenut ma kellhom jithallsu ta' xogholhom u l-profitt kollu kellu jibqa f'idejn is-socjeta' u

cioe' dan kollu jikkorrabora l-verżjoni tal-konvenut. Semmai l-kontentendi setghu jippartecipaw bhala socji fil-profitt li setghat ghamlet is-socjeta' in kwestjoni.

In vista ta' dan kollu zgur li ma jistax jingħad illi l-attriċi irnexxielha issostni t-talbiet taghha u kwindi ma jistax jiġi konkluż li l-attriċi irnexxielha sufficjentement tipprova t-talbiet tagħha. Konsegwentement it-talbiet kollha attrici ghandhom jigu rigettati u inoltre l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-konvenuti timmerita ukoll li tigi michuda filwaqt li dik fil-meritu jisthoqqilha li tigi akkolta.

Għal dawn il-motivi kollha:-

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u billi fit-tieni lok tilqa l-eccezzjoni fil-mertu u konsegwentement u fit-tielet lok tichad it-talbiet tal-attrici.

Spejjeż kollha jithallsu kwantu ghal zewg terzi (2/3) mill-attrici u kwantu ghar-rimanenti terz (1/3) mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------